KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fil-25 ta' Frar 2021[1]

**Kawżi magħquda C-804/18 u C-341/19**

**IX**
**vs**
**WABE eV**
(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali ta' Hamburg, il-Ġermanja))
**u**
**MH Müller Handels GmbH**
**vs**
**MJ**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2000/78/KE – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Artikolu 2(2) – Diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin – Regoli interni ta' impriżi li jipprojbixxu lill-ħaddiema milli jilbsu simboli viżibbli, jew prominenti u ta' daqs kbir, ta' natura politika, filosofika jew reliġjuża fuq il-post tax-xogħol – Diskriminazzjoni diretta – Assenza – Diskriminazzjoni indiretta – Ħaddiema pprojbita milli tilbes velu Iżlamiku – Xewqat tal-klijenti li l-impriża ssegwi politika ta' newtralità – Aċċettazzjoni tal-ilbies ta' simboli viżibbli ta' daqs żgħir – Artikolu 8(1) – Dispożizzjonijiet nazzjonali iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament – Libertà tar-reliġjon skont l-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dispożizzjonijiet kostituzzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon"

## I. Introduzzjoni

1. Reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet adita minn domandi preliminari relattivi għar-reliġjon jew it-twemmin, kemm fir-rigward tal-osservanza ta' riti reliġjużi[2], fil-qasam tas-saħħa[3] jew anki fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali[4].

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Mejju 2018, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et* (C-426/16, EU:C:2018:335).

[3] Ara s-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2020, Veselības ministrija (C-243/19, EU:C:2020:872).

[4] Ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Fathi (C-56/17, EU:C:2018:803).

2. Dawn id-domandi jirrigwardaw ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għal dak li jirrigwarda l-impjieg u x-xogħol, li huwa s-suġġett tad-Direttiva 2000/78/KE[5]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ruħha, fis-sentenzi G4S Secure Solutions[6] u Bougnaoui u ADDH[7], dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon[8], fis-sens ta' din id-direttiva, fil-każ tal-projbizzjoni ta' impjegati ta' impriża privata milli jilbsu velu Iżlamiku fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

3. Il-kawżi magħquda odjerni jaqgħu direttament fl-estensjoni ta' dawn iż-żewġ sentenzi u għandhom l-għan, b'mod partikolari, li jispeċifikaw il-kunċett ta' "diskriminazzjoni indiretta", fis-sens tal-imsemmija direttiva, kif ukoll ir-rabta bejn id-dritt tal-Unjoni Ewropea u d-dritt tal-Istati Membri għal dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon.

4. F'dan ir-rigward, jiena tal-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tfittex bilanċ bejn l-istabbiliment ta' interpretazzjoni uniformi tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, u l-ħtieġa li tħalli marġni diskrezzjonali lill-Istati Membri, fid-dawl tad-diversità tal-approċċi tagħhom fir-rigward tal-post tar-reliġjon f'soċjetà demokratika.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

5. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, intitolat "Skop":

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament."

6. L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Il-kunċett ta' diskriminazzjoni", jistabbilixxi:

"1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, 'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

[5] Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

[6] Sentenza tal-14 ta' Marzu 2017 (C-157/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza G4S Secure Solutions", EU:C:2017:203).

[7] Sentenza tal-14 ta' Marzu 2017 (C-188/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza Bougnaoui u ADDH", EU:C:2017:204).

[8] Fis-sentenzi G4S Secure Solutions (punt 28) u Bougnaoui u ADDH (punt 30), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "reliġjon" li jinsab fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat bħala li jkopri kemm il-*forum internum*, jiġifieri li wieħed ikollu twemmin, kif ukoll il-*forum externum*, jiġifieri l-manifestazzjoni fil-pubbliku tal-fidi reliġjuża.

b) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni indiretta meta fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tkun tqiegħed persuni li għandhom reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari, partikolari fi żvantaġġ partikolari a paragun ma' persuni oħra ħlief:

i) meta dik id-dispożizzjoni, jew dak il-kriterju jew prattika jkunu oġġettivament iġġustifikati minn skop leġittimu u l-mezzi li tintlaħaq ikun approprjati u neċessarji, […]

[…]"

7. L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda:

[…]

ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga;

[…]"

8. L-Artikolu 4 tal-istess direttiva, intitolat "Il-ħtiġiet tax-xogħol", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Minkejja l-Artikolu 2(1) u (2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li differenza ta' trattament li hija bbażata fuq karatteristika relatata ma' kwalunkwe bażi msemmija fl-Artikolu 1 m'għandhiex tikkostitwixxi diskriminazzjoni meta, minħabba n-natura ta' attivitajiet partikulari tax-xogħol ikkonċernati jew il-kuntest li fihom jitwettqu, din il-karatteristika tikkostitwixxi ħtieġa ġenwina u determinanti tax-xogħol, sakemm l-għan ikun leġittimu u proporzjonat."

9. L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/78, intitolat "Ħtiġiet minimi", huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew jikkonservaw dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament minn dawk previsti f'din id-Direttiva."

### *B. Id-dritt Ġermaniż*

#### *1. Il-GG*

10. Skont l-Artikolu 4 tal-Grundgesetz für die Bundesrepublik Deutschland (il-Liġi Fundamentali għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja) tat-23 ta' Mejju 1949 (BGBl. 1949 I, p. 1), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"GG"):

"1. Il-libertà ta' twemmin u ta' kuxjenza u l-libertà tat-tħaddin ta' twemmin reliġjuż u filosofiku huma invjolabbli.

2. L-eżerċizzju liberu tal-qima huwa ggarantit.

[…]"

11. L-Artikolu 6(2) tal-GG jistabbilixxi:

"It-trobbija u l-edukazzjoni tal-ulied huwa dritt naturali tal-ġenituri u obbligu prijoritarju għalihom. L-unjoni tal-istati tissorvelja l-mod kif dawn iwettqu dawn id-dmirijiet."

12. L-Artikolu 7 tal-GG jipprovdi:

"1. It-tagħlim tal-iskola kollu huwa taħt il-kontroll tal-Istat.

2. Il-persuni li għandhom responsabbiltà ta' ġenituri għandhom id-dritt jiddeċiedu dwar il-parteċipazzjoni tal-ulied fit-tagħlim reliġjuż.

3. It-tagħlim reliġjuż huwa suġġett mgħallem b'mod regolari fl-iskejjel pubbliċi bl-eċċezzjoni tal-iskejjel nonkonfessjonali. It-tagħlim reliġjuż jingħata skont il-prinċipji tal-komunitajiet reliġjużi, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kontroll mill-Istat. Ebda għalliem ma jista' jkun obbligat jagħti tagħlim reliġjuż kontra l-volontà tiegħu.

[...]"

13. L-Artikolu 12(1) tal-GG jipprovdi:

"Il-Ġermaniżi kollha għandhom id-dritt li jagħżlu b'mod liberu l-professjoni, l-impjieg u l-istituzzjoni ta' taħriġ tagħhom. L-eżerċizzju tal-professjoni jista' jkun irregolat mil-liġi jew permezz ta' liġi."

## *2. L-AGG*

14. Skont l-Artikolu 1 tal-Allgemeines Gleichbehandlungsgesetz (il-Liġi Ġenerali dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament) tal-14 ta' Awwissu 2006 (BGBl. I, p. 1897, iktar 'il quddiem l-"AGG"), intiża sabiex tittrasponi d-Direttiva 2000/78 fid-dritt Ġermaniż:

"Din il-liġi għandha l-għan li tipprekludi jew telimina kull diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-oriġini etnika, is-sess, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali."

15. L-Artikolu 3 tal-AGG jistabbilixxi:

"1. Diskriminazzjoni diretta tirriżulta meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn kif hija ttrattata, ġiet ittrattata jew x'aktarx tiġi ttrattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1. Diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess tirriżulta ukoll għal dak li jirrigwarda l-punti 1 sa 4 tal-Artikolu 2(1), meta mara tkun is-suġġett ta' trattament inqas favorevoli minħabba t-tqala jew il-maternità tagħha.

2. Diskriminazzjoni indiretta tirriżulta meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tista' twassal, għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1, għal żvantaġġ partikolari għal ċerti persuni meta mqabbla ma' oħrajn, sakemm din id-dispożizzjoni, dan il-kriterju jew din il-prattika ma tkunx oġġettivament iġġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan ikunu xierqa u neċessarji.

[...]"

16. L-Artikolu 7 tal-AGG jipprovdi:

"1. Il-ħaddiema impjegati ma għandhom ikunu suġġetti għal ebda diskriminazzjoni għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1; din il-projbizzjoni tapplika wkoll meta l-awtur tad-diskriminazzjoni jippreżumi biss l-eżistenza ta' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 fil-kuntest tal-fatt diskriminatorju.

2. Id-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jmorru kontra l-projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 huma mċaħħda mill-effett legali.

3. Diskriminazzjoni bħal dik imsemmija fil-paragrafu 1, imwettqa mill-persuna li timpjega jew minn ħaddiem ieħor, tikkostitwixxi ksur tal-obbligi kuntrattwali."

### *3. Il-Gewerbeordnung*

17. L-Artikolu 106 tal-Gewerbeordnung (il-Kodiċi Ġermaniż dwar l-Eżerċizzju ta' Xogħol Artiġjanali, Kummerċjali u Industrijali), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Il-persuna li timpjega tista', filwaqt li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha b'mod raġonevoli, tispeċifika l-kontenut, il-post u l-mument fejn għandu jsir ix-xogħol, sakemm dawn il-kundizzjonijiet ta' xogħol ma jkunux iddefiniti fil-kuntratt ta' xogħol, fil-klawżoli ta' ftehim ta' impriża jew ta' ftehim kollettiv applikabbli jew anki f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi. Dan japplika wkoll għal dak li jirrigwarda l-osservanza tal-ordinament intern tal-impriża mill-ħaddiem kif ukoll l-aġir ta' dan tal-aħħar fl-impriża. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali, il-persuna li timpjega għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll id-diżabbiltajiet tal-ħaddiem."

## III. Il-fatti tal-kawżi prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

### *A. Kawża C-804/18*

18. WABE, assoċjazzjoni ta' utilità pubblika, tmexxi stabbilimenti li jilqgħu u jedukaw it-tfal matul il-jum, u għandha iktar minn 600 impjegat u jattenduha madwar 3 500 tifel u tifla. Hija għandha l-għan li tkun newtrali fir-rigward tal-partiti politiċi u d-denominazzjonijiet reliġjużi. Fis-sit internet tagħha, WABE stabbilixxiet, taħt it-tema "diversità u fiduċja", dan li ġej:

"Kemm jekk id-diversità tirriżulta mis-sess, mill-oriġini, mill-kultura, mir-reliġjon kif ukoll mill-bżonnijiet speċifiċi, aħna konvinti li hija sors ta' rikkezza. Attitudni miftuħa u kurjuża tgħallimna nifhmu aħjar lilna nfusna u nirrispettaw id-differenzi tagħna. Għaliex it-tfal kollha u l-ġenituri tagħhom huma milqugħa għandna, aħna noħolqu atmosfera li fiha jiġu żviluppati l-benesseri, ir-relazzjonijiet u l-fiduċja – il-bażi għal żvilupp personali pożittiv u ħajja paċifika fis-soċjetà."

19. Fil-kuntest tal-funzjonament ta' kuljum tagħha, WABE tindika li hija ssegwi mingħajr riżervi r-rakkomandazzjonijiet tal-Belt ta' Hamburg (il-Ġermanja) għat-tagħlim u l-edukazzjoni tat-tfal fl-istabbilimenti ta' akkoljenza kollettiva, ippubblikati fix-xahar ta' Marzu 2012. Skont dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

"L-istabbilimenti kollha għandhom jindirizzaw u jispjegaw il-kwistjonijiet etiċi fundamentali kif ukoll it-twemmin reliġjuż u ieħor bħala li jifformaw parti mid-dinja tagħna. L-istabbilimenti għandhom jagħtu għalhekk lit-tfal l-okkażjoni li jistaqsu fuq kwistjonijiet li jolqtu s-sens tal-ħajja, bħall-ferħ u t-tbatija, is-saħħa u l-mard, il-ġustizzja u l-inġustizzja, il-ħtija u l-falliment, il-paċi u l-kunflitti, u Alla. Huma għandhom jgħinu lit-tfal idaħħlu fid-diskussjoni s-sentimenti tagħhom u t-twemmin tagħhom f'dan ir-rigward. Il-possibbiltà li dawn il-mistoqsijiet jiġu indirizzati b'kurjożità u fid-dettall twassal għal interess fil-kontenut u fit-tradizzjonijiet tal-orjentazzjonijiet reliġjużi u kulturali rrappreżentati fost il-grupp ta' tfal. B'dan il-mod jiżviluppaw l-istima u r-rispett ta' reliġjonijiet, kulturi u twemmin ieħor. Din il-konfrontazzjoni ssaħħaħ t-tfal fl-immaġni tagħhom stess u fl-esperjenza ta' soċjetà li tiffunzjona. Din tinkludi wkoll il-possibbiltà li t-tfal jgħixu matul is-sena l-festi ta' oriġini reliġjużi u jipparteċipaw fihom b'mod attiv. Billi jiltaqgħu ma' reliġjonijiet oħra, it-tfal jitgħallmu jirrikonoxxu forom differenti ta' ġabra, fidi u spiritwalità."

20. IX hija għalliema ta' studenti bi bżonnijiet speċjali u ilha taħdem għal WABE sa mill-1 ta' Lulju 2014. Mill-15 ta' Ottubru 2016 sat-30 ta' Mejju 2018, hija kienet fuq leave parentali. Minħabba denominazzjoni Musulmana, fil-bidu tas-sena 2016, IX iddeċidiet, li tilbes il-velu Iżlamiku.

21. Fit-12 ta' Marzu 2018, matul il-leave parentali ta' IX, WABE adottat id-"Direttivi tas-servizz għall-osservanza tal-prinċipju ta' newtralità" (iktar 'il quddiem id-"direttivi tas-servizz"), li IX saret taf bihom fil-31 ta' Mejju 2018. Dawn id-direttivi jipprovdu b'mod partikolari:

"WABE hija newtrali fir-rigward tad-denominazzjonijiet reliġjużi u tirriżerva espressament li tilqa' b'mod favorevoli d-diversità reliġjuża u kulturali. Sabiex tiżgura l-iżvilupp liberu u personali tat-tfal għal dak li jirrigwarda r-reliġjon, it-twemmin u l-politika, l-impjegati ta' WABE għandhom josservaw strettament il-prinċipju ta' newtralità applikabbli lejn il-ġenituri, it-tfal u terzi. WABE ssegwi politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża fir-rigward tagħhom. F'dan il-kuntest, ir-regoli li ġejjin iservu bħala prinċipji għall-osservanza effettiva tal-prinċipju ta' newtralità fil-post tax-xogħol.

– Fuq il-post tax-xogħol tagħhom l-impjegati ma għandhom jagħmlu ebda manifestazzjoni politika, filosofika jew reliġjuża lejn il-ġenituri, it-tfal jew terzi.

– Fuq il-post tax-xogħol tagħhom l-impjegati ma għandhom jilbsu ebda simbolu viżibbli, fil-konfront tal-ġenituri, it-tfal u terzi, tat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tagħhom.

– Fuq il-post tax-xogħol tagħhom l-impjegati ma għandhom iwettqu ebda rit li jirriżulta minnhom quddiem il-ġenituri, it-tfal u terzi.

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

22. Fin-"Nota ta' informazzjoni dwar il-prinċipju ta' newtralità" stabbilita minn WABE, it-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija dwar jekk l-ilbies tas-salib Nisrani, tal-velu Iżlamiku jew tal-kippah Lhudija huwiex awtorizzat hija s-segwenti:

"Le, dan ma huwiex awtorizzat peress li t-tfal ma jistgħux jiġu influwenzati mill-edukaturi għal dak li jirrigwarda reliġjon. L-għażla konxja ta' lbies iggwidata minn kunsiderazzjonijiet reliġjużi jew filosofiċi tmur kontra l-prinċipju ta' newtralità." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

23. Bl-eċċezzjoni tal-persunal edukattiv ikkwalifikat, l-osservanza tal-prinċipju ta' newtralità ma hijiex imposta fuq l-impjegati ta' WABE li jaħdmu fis-sede tal-impriża peress li dawn ma għandhomx kuntatt mal-klijenti.

24. Fl-1 ta' Ġunju 2018, fil-jum li fih hija ppreżentat ruħha fil-post tax-xogħol tagħha wara l-leave parentali tagħha, IX kienet mitluba tneħħi l-velu tagħha, li kien jgħattilha xagħarha kollu. Hija rrifjutat u sussegwentement id-direttriċi tal-istabbiliment fejn hija kienet impjegata ssospendietha provviżorjament. Fl-4 ta' Ġunju 2018, IX reġgħet ippreżentat ruħha għax-xogħol b'velu. Inħarġilha avviż bl-istess data talli libset il-velu fl-1 ta' Ġunju 2018 u ġiet mistiedna, fid-dawl tal-osservanza tal-prinċipju ta' newtralità, twettaq ix-xogħol tagħha mingħajr velu fil-futur. Fl-4 ta' Ġunju 2018 ukoll, IX irrifjutat li tneħħi l-velu tagħha, u reġgħet intbagħtet id-dar u ġiet provviżorjament sospiża. Fl-istess jum, hija rċeviet avviż ieħor. Imbagħad, WABE ġiegħlet impjegata tneħħi salib li hija kienet tilbes madwar għonqha.

25. IX ikkontestat id-deċiżjoni ta' WABE li timponilha l-avviżi ddatati l-4 ta' Ġunju 2018, quddiem l-Arbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali ta' Hamburg, il-Ġermanja).

26. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, fis-sentenza G4S Secure Solutions, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li regola interna, bħad-direttivi tas-servizz, ma jistabbilixxux differenza fit-trattament ibbażata direttament fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, peress li din ir-regola tapplika b'mod identiku għall-ħaddiema kollha. Madankollu, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li diskriminazzjoni diretta tirriżulta kull darba li regola tirrigwarda karatteristika speċifika msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva. Għalhekk, sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' tali diskriminazzjoni diretta, ikun deċiżiv jekk il-persuna kkonċernata kinitx suġġetta għal żvantaġġ marbut direttament mal-karatteristika protetta bħar-reliġjon.

27. Ir-rikors ta' IX għandu għalhekk jintlaqa' sa fejn l-attività tagħha bħala għalliema ma timplika ebda rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti, fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78, li ma tilbisx il-velu għax-xogħol. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra, madankollu, li l-motivazzjoni tas-sentenza G4S Secure Solutions, li teħtieġ xi kjarifiki, tostakola li dan r-rikors jintlaqa'.

28. Barra minn hekk, sabiex jiġi ġġustifikat ksur tad-dritt fundamentali tal-libertà tar-reliġjon previst fl-Artikolu 4(1) tal-GG, il-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali, il-Ġermanja) teħtieġ, minbarra l-eżistenza ta' għan leġittimu, li mill-manifestazzjoni esterna tal-fidi jirriżulta perikolu suffiċjentement konkret għall-interessi protetti mill-GG. Il-qorti tar-rinviju tindika li, fil-fehma tagħha, fid-dawl tal-importanza tad-dritt fundamentali tal-libertà tar-reliġjon u tal-prinċipju ta' proporzjonalità previst fl-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), ma huwiex suffiċjenti li l-persuna li timpjega tesprimi x-xewqa li tidher newtrali fil-konfront tal-klijenti tagħha, mingħajr ma tkun sostniet dannu ekonomiku li jirriżulta mill-assenza ta' newtralità, sabiex id-dritt tagħha

bbażat fuq l-Artikolu 16 tal-Karta, relattiv għal-libertà ta' intrapriża, jipprevali fuq il-libertà tar-reliġjon. Din il-qorti tindika li hija tħossha komda b'din l-interpretazzjoni minħabba s-sentenza Bougnaoui u ADDH, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-volontà ta' persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqat ta' klijent li s-servizzi ta' din il-persuna li timpjega ma jibqgħux jiġu pprovduti minn ħaddiema li tkun liebsa velu Iżlamiku ma tistax titqies bħala rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78.

29. Il-qorti tar-rinviju hija madankollu prekluża milli tilqa' r-rikors ta' IX minħabba l-interpretazzjoni mogħtija lill-Artikolu 16 tal-Karta mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi G4S Secure Solutions u Bougnaoui u ADDH, li jipprovdu li x-xewqa tal-persuna li timpjega li l-impjegati tagħha juru newtralità reliġjuża hija, fiha nnifisha, suffiċjenti sabiex tiġġustifika oġġettivament differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon, sakemm din id-differenza fit-trattament tkun xierqa u neċessarja. Skont din il-qorti, WABE ma wrietx b'mod suffiċjenti fid-dritt telf ekonomiku jew riskju konkret għall-interessi ġuridiċi ta' terzi li jistgħu jiġġustifikaw deċiżjoni ta' ċaħda tar-rikors ta' IX anki fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-GG.

30. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Arbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali ta' Hamburg) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Direttiva unilaterali tal-persuna li timpjega, li tipprojbixxi l-ilbies ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' natura politika, filosofika jew reliġjuża, tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon fis-sens tal-Artikolu 2(1) u (2)(a) tad-Direttiva [2000/78], tal-ħaddiema li josservaw ċerti regoli fl-ilbies minħabba preċetti reliġjużi li jeżiġu li jkopru lilhom infushom?

2) Direttiva unilaterali tal-persuna li timpjega, li tipprojbixxi l-ilbies ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' natura politika, filosofika jew reliġjuża, tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq ir-reliġjon u/jew il-ġeneru, fis-sens tal-Artikolu 2(1) u (2)(b) tad-Direttiva [2000/78], ta' ħaddiema li tilbes velu minħabba l-fidi Musulmana tagħha?

   B'mod partikolari:

   a) Diskriminazzjoni [indiretta] bbażata fuq ir-reliġjon u/jew il-ġeneru tista' wkoll tkun iġġustifikata taħt id-Direttiva 2000/78 bix-xewqa suġġettiva tal-persuna li timpjega li tfittex li ssegwi politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża, meta l-persuna li timpjega trid tikkunsidra wkoll ix-xewqat suġġettivi tal-klijenti tagħha?

   b) Id-Direttiva 2000/78 u/jew id-dritt fundamentali għal-libertà ta' intrapriża previst fl-Artikolu 16 tal-[Karta] jipprekludu, fid-dawl tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/78, leġiżlazzjoni nazzjonali li tgħid li, għall-finijiet tal-protezzjoni tad-dritt fundamentali għal-libertà ta' reliġjon, sempliċi abbiltà astratta intiża li ddgħajjef in-newtralità tal-persuna li timpjega ma hijiex biżżejjed sabiex tiġġustifika projbizzjoni ta' lbies reliġjużi, u li tipprevedi li din il-projbizzjoni tista' biss tkun iġġustifikata b'riskju konkret biżżejjed, partikolarment it-theddida konkreta ta' żvantaġġ ekonomiku għall-persuna li timpjega jew terz ikkonċernat?"

31. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn IX, WABE, il-Gvern Pollakk u dak Svediż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

## *B. Kawża C-341/19*

32. MH Müller Handels topera katina ta' spiżeriji fil-Ġermanja. MJ, ta' twemmin Musulman, kienet ilha impjegata ta' din l-impriża sa mis-sena 2002, bħala salesperson u kaxxiera. Mar-ritorn tagħha mil-leave parentali, matul is-sena 2014, hija ġiet liebsa, għall-kuntrarju ta' dak li kien il-każ qabel, velu Iżlamiku. Hija ma kkonformatx ruħha mal-ordni tal-persuna li timpjegaha li tneħħi l-velu tagħha waqt ix-xogħol. Għalhekk ma baqgħetx impjegata. Sussegwentement, MJ eżerċitat attività oħra fi ħdan l-impriża, li għaliha ma kinitx obbligata tneħħi l-velu tagħha. Fil-21 ta' Ġunju 2016, hija ġiet ordnata tneħħi l-velu tagħha. Billi rrifjutat li tagħmel dan, hija ntbagħtet id-dar. Matul ix-xahar ta' Lulju 2016, hija rċeviet id-direttiva li tippreżenta ruħha fuq il-post tax-xogħol tagħha mingħajr simboli prominenti ta' daqs kbir tat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż (iktar 'il quddiem id-"direttiva kontenzjuża").

33. MJ ipprovat tikkontesta li d-direttiva kontenzjuża ma kellhiex effett u talbet, barra minn hekk, li tiġi mħallsa. MJ indikat li hija kienet tilbes il-velu Iżlamiku sempliċement sabiex tikkonforma ma' regola ta' kondotta reliġjuża u li hija kienet tqis imperattiv l-obbligu Iżlamiku li tilbes velu. Hija kkontestat l-applikabbiltà tad-direttiva kontenzjuża fi ħdan l-impriża, billi kkunsidrat li hija setgħet tinvoka l-libertà tar-reliġjon protetta mid-dritt kostituzzjonali Ġermaniż. Fil-fehma tagħha, il-politika ta' newtralità, ibbażata fuq il-libertà ta' intrapriża, ma tgawdix minn supremazija inkundizzjonata vis-à-vis il-libertà tar-reliġjon u għandu jsir eżami ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, id-dritt tal-Unjoni jinkludi biss rekwiżiti minimi.

34. MH Müller Handels sostniet li d-direttiva kontenzjuża hija legali, billi tindika li hija dejjem applikat kodiċi ta' lbies li jipprovdi, fost affarijiet oħra, li koperturi tar-ras ta' kull tip ma jistgħux jintlibsu għax-xogħol. Sa mix-xahar ta' Lulju 2016, il-ħwienet kollha tagħha kienu suġġetti għar-regola li l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq ix-xogħol huwa pprojbit. MH Müller Handels kellha l-għan li żżomm in-newtralità ġewwa l-impriża, sabiex b'mod partikolari tipprevjeni l-kunflitti bejn l-impjegati. Fil-passat diġà kien hemm tliet każijiet ta' kunflitti li rriżultaw minn differenzi ta' reliġjon u ta' kultura. MH Müller Handels issostni li sabiex impriża tkun tista' tipprojbixxi lill-impjegati tagħha milli jimmanifestaw il-fidi tagħhom fuq ix-xogħol, ma huwiex neċessarju li jiġi sostnut dannu ekonomiku jew li l-klijenti ma jibqgħux jiġu.

35. Il-qrati nazzjonali aditi laqgħu r-rikors ta' MJ kontra d-direttiva kontenzjuża. Permezz tal-appell għal *reviżjoni* tagħha quddiem il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), li kien awtorizzat, MH Müller Handels talbet li dan ir-rikors jiġi miċħud.

36. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, fid-dawl tas-sentenzi G4S Secure Solutions u Bougnaoui u ADDH, id-differenza fit-trattament invokata minn MJ ma tistax tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78 u li, dan il-każ jirrigwarda differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-direttiva. Din il-qorti tindika li hija titlaq mill-prinċipju li x-xewqa ta' persuna li timpjega li tikkomunika lill-klijenti immaġni ta' newtralità hija koperta mil-libertà ta' intrapriża, prevista mill-Artikolu 16 tal-Karta, u tikkostitwixxi għalhekk għan leġittimu. L-imsemmija qorti għandha dubji dwar jekk projbizzjoni biss ta' kull forma viżibbli ta' espressjoni tar-reliġjon tagħha hijiex xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' politika ta' newtralità fi ħdan l-impriża jew jekk projbizzjoni limitata għas-simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq ix-xogħol hijiex suffiċjenti għal dan l-għan, bil-kundizzjoni li din il-politika tiġi implimentata b'mod koerenti u sistematiku.

37. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fil-kuntest tal-eżami tan-natura xierqa tal-mezzi sabiex jintlaħaq l-għan ta' newtralità, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva 2000/78, jistax jinstab bilanċ bejn l-interessi kunfliġġenti, jiġifieri, minn naħa, l-Artikolu 16 tal-Karta, u min-naħa l-oħra, l-Artikolu 10 tal-Karta kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), relattivi għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, jew jekk dan għandux isir biss fil-mument tal-applikazzjoni tar-regola interna f'każ individwali, pereżempju għal dak li jirrigwarda direttiva indirizzata lil ħaddiem jew waqt tkeċċija.

38. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi ukoll dwar jekk id-dritt kostituzzjonali nazzjonali, b'mod partikolari l-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin previsti fl-Artikolu 4(1) u (2) tal-GG, jistax jikkostitwixxi leġiżlazzjoni iktar favorevoli fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/78.

39. Fl-aħħar nett, din il-qorti tixtieq tkun taf jekk id-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ l-Artikolu 16 tal-Karta, jeskludix il-possibbiltà li jiġu integrati d-drittijiet fundamentali nazzjonali fil-kuntest tal-eżami tal-validità jew le ta' direttiva adottata minn persuna li timpjega sabiex tistabbilixxi politika ta' newtralità.

40. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Inugwaljanza fit-trattament indiretta bbażata fuq ir-reliġjon fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva [2000/78] u li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata tista' tkun iġġustifikata biss jekk tipprojbixxi l-ilbies ta' kwalunkwe sinjal viżibbli ta' twemmin reliġjuż, politiku jew filosofiku u mhux biss l-ilbies ta' sinjali prominenti u ta' daqs kbir?

2) Fil-każ li r-risposta li tingħata għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv:

a) L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva [2000/78] għandu jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 10 tal-[Karta] u mill-Artikolu 9 tal-[KEDB] jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tal-ġustifikabbiltà tal-inugwaljanza fit-trattament indiretta kkonstatata, ibbażata fuq ir-reliġjon, u li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi l-ilbies ta' kwalunkwe sinjal ta' twemmin reliġjuż, politiku jew filosofiku li huwa prominenti u ta' daqs kbir?

b) L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva [2000/78] għandu jiġi interpretat fis-sens li r-regoli nazzjonali ta' livell kostituzzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala dispożizzjonijiet iktar favorevoli fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/78/KE, waqt l-eżami tal-ġustifikabbiltà tal-inugwaljanza fit-trattament indiretta kkonstatata, ibbażata fuq ir-reliġjon, u li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi l-ilbies ta' kwalunkwe sinjal ta' twemmin reliġjuż, politiku jew filosofiku li huwa prominenti u ta' daqs kbir?

3) Fil-każ li r-risposta li tingħata għall-punti (a) u (b) tat-tieni domanda tkun fin-negattiv:

Fl-eżami ta' istruzzjoni bbażata fuq regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi l-ilbies ta' kwalunkwe sinjal ta' twemmin reliġjuż, politiku jew filosofiku, li huwa prominenti u ta' daqs kbir, ir-regoli nazzjonali ta' livell kostituzzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon għandhom jibqgħu mhux applikati skont id-dritt primarju tal-Unjoni u dan anki jekk id-dritt primarju tal-Unjoni, bħall-Artikolu 16 tal-[Karta], jirrikonoxxi l-leġiżlazzjonijiet u l-prattiċi nazzjonali?"

41. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn MH Müller Handels, MJ, mill-Gvern Grieg, Pollakk u dak Svediż, kif ukoll mill-Kummissjoni.

42. Waqt is-seduta komuni għall-Kawżi C-804/18 u C-341/19 li nżammet fl-24 ta' Novembru 2020, ġew ippreżentati sottomissjonijiet orali minn IX, WABE, MH Müller Handels, MJ, kif ukoll mill-Kummissjoni.

## IV. Analiżi

### *A. Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-804/18*

43. Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-804/18, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-projbizzjoni tal-ilbies ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata, tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, fil-konfront tal-ħaddiema li josservaw ċerti regoli fl-ilbies minħabba regoli ta' kondotta reliġjużi li jeżiġu li jkopru lilhom infushom.

44. Skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/78, il-"prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament" għandu jinftiehem bħala l-assenza ta' kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta, ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva. L-Artikolu 2(2)(a) tagħha jispeċifika li, għall-finijiet tal-paragrafu 1 tiegħu, diskriminazzjoni diretta tirriżulta meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn oħra f'sitwazzjoni komparabbli, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva.

45. Minkejja li ssemmi s-sentenza G4S Secure Solutions, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-kawża prinċipali tirrigwarda diskriminazzjoni diretta, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, għar-raġuni li t-trattament sfavorevoli subit minn IX, bl-impożizzjoni ta' avviż għax libset velu Iżlamiku fuq ix-xogħol, huwa marbut ma' karatteristika speċifika msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, f'dan il-każ ir-reliġjon.

46. Nifhem perfettament li jistgħu jiżviluppaw approċċi differenti fir-rigward tal-eżistenza u tal-klassifikazzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin għal dak li jirrigwarda l-ilbies ta' simboli reliġjużi fl-impriża. Hekk, l-Avukata Ġenerali Kokott

fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża G4S Secure Solutions[9] u l-Avukata Ġenerali Sharpston fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Bougnaoui u ADDH[10] esprimew perspettivi differenti fir-rigward tal-projbizzjoni ta' ħaddiema milli tilbes velu Iżlamiku.

47. Madankollu, nirrileva li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza G4S Secure Solutions, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet espressament mistoqsija dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni diretta, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, fil-każ tal-projbizzjoni tal-ilbies ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq ix-xogħol.

48. F'dan ir-rigward, fil-punti 30 sa 32 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regola interna inkwistjoni f'din il-kawża[11], kienet tirreferi għall-ilbies ta' simboli viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż u għalhekk kienet tkopri mingħajr distinzjoni kwalunkwe manifestazzjoni ta' tali twemmin; li, għaldaqstant, tali regola kellha tiġi kkunsidrata li tittratta b'mod identiku l-ħaddiema kollha tal-impriża, billi timponi fuqhom, b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, b'mod partikolari newtralità fl-ilbies li tipprekludi l-ilbies ta' tali simboli, u li f'dan ir-rigward, mill-elementi tal-proċess li kellha l-Qorti tal-Ġustizzja ma kienx jirriżulta li l-applikazzjoni tar-regola interna inkwistjoni għall-ħaddiema kkonċernata kienet differenti mill-applikazzjoni tal-imsemmija regola għal kwalunkwe ħaddiem ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet minn dan li regola interna bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża ma kinitx tistabbilixxi differenza fit-trattament ibbażata *direttament* fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78.

49. Fis-sentenza Cresco Investigation[12], il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet dan l-approċċ filwaqt li speċifikat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, relattiva għall-għoti lil ċerti ħaddiema ta' jum ta' leave fil-Ġimgħa l-Kbira, tistabbilixxi differenza fit-trattament li kienet bbażata *direttament* fuq ir-reliġjon tal-ħaddiema, peress li l-kriterju ta' distinzjoni li kienet tagħmel użu minnu din il-leġiżlazzjoni kien jirriżulta direttament mill-appartenenza tal-ħaddiema għal *reliġjon speċifika*.

50. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li diskriminazzjoni diretta, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, tirriżulta meta leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi li ħaddiem jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli skont jekk jappartjenix għal reliġjon milli għal oħra. Regola interna li tirrigwarda kull manifestazzjoni ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tal-ħaddiema, b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, ma tirriżultax f'diskriminazzjoni diretta, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

51. F'dan il-każ, id-direttivi tas-servizz, li jinsabu fil-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet, jistabbilixxu, b'mod partikolari, li l-impjegati ta' WABE ma għandhom jilbsu ebda simbolu viżibbli fuq il-post tax-xogħol tagħhom, fir-rigward tal-ġenituri, tat-tfal u ta' terzi, li juri t-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tagħhom.

9 C-157/15, EU:C:2016:382. L-Avukata Ġenerali Kokott ikkunsidrat, fil-punt 141 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-fatt li ħaddiema ta' twemmin Musulman tiġi pprojbita milli tilbes velu Iżlamiku fuq ix-xogħol ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, jekk din il-projbizzjoni tkun ibbażata fuq regola ġenerali tal-impriża li tipprojbixxi simboli politiċi, filosofiċi u reliġjużi viżibbli fuq il-post tax-xogħol, u ma tkunx ibbażata fuq stereotipi jew preġudizzji kontra reliġjon speċifika jew diversi reliġjonijiet speċifiċi jew kontra twemmin reliġjuż b'mod ġenerali.

10 C-188/15, EU:C:2016:553. L-Avukata Ġenerali Sharpston qieset, fil-punt 135 tal-konklużjonijiet tagħha, li regolament tal-post tax-xogħol ta' impriża li jipprojbixxi lill-ħaddiema tagħha milli jilbsu simboli jew ilbies reliġjużi meta jkunu f'kuntatt mal-klijenti tal-impriża jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin.

11 Ir-regola interna tal-impriża kienet tistabbilixxi li "l-ħaddiema huma pprojbiti milli jilbsu simboli b'rabta mat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tagħhom li jkunu viżibbli fuq il-post tax-xogħol u/jew li jwettqu kwalunkwe ritwal li jirriżulta minnu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

12 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2019 (C-193/17, EU:C:2019:43, punt 40).

52. Dawn id-direttivi japplikaw għalhekk mingħajr distinzjoni għal kull manifestazzjoni ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tal-ħaddiema fir-relazzjonijiet mal-klijenti tal-impriża. Dawn ma jikkostitwixxux miżura diretta b'mod speċifiku lejn il-ħaddiema ta' reliġjon Musulmana li jixtiequ jilbsu velu Iżlamiku, anki jekk, huwa evidenti, li dawn huma kkonċernati mill-projbizzjoni ta' kwalunkwe simbolu viżibbli tat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tagħhom, l-istess bħal ħaddiema ta' denominazzjoni oħra, mhux reliġjuża jew atea [13]. Għalhekk, l-imsemmija direttivi ma jidhrux li jistabbilixxu trattament inqas favorevoli għal ħaddiem marbut direttament jew b'mod speċifiku mar-reliġjon jew mat-twemmin tiegħu.

53. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk id-direttivi tas-servizz humiex implimentati bħalma huma fformulati, jiġifieri li l-applikazzjoni tagħhom għall-ħaddiema kkonċernata ma kinitx differenti mill-applikazzjoni għal kwalunkwe ħaddiem ieħor [14]. Fl-affermattiv, jiena tal-fehma li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bbażata fuq is-sentenzi G4S Secure Solutions u Cresco Investigation [15], twassal sabiex jiġi kkunsidrat li regola interna ta' impriża privata bħad-direttivi tas-servizz ma tirriżultax f'diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78. Jiena ma narax raġuni għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tibdel l-interpretazzjoni tagħha, mogħtija reċentement bħala Awla Manja, anki jekk din l-interpretazzjoni qajmet kritika [16], bħal dik magħmula mill-qorti tar-rinviju, li tipprovdi li d-direttivi tas-servizz jistabbilixxu diskriminazzjoni diretta, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

54. Barra minn hekk, iċ-ċirkustanza, invokata fl-ewwel domanda preliminari, li l-ħaddiema kkonċernati josservaw ċerti regoli fl-ilbies minħabba regoli ta' kondotta reliġjużi li jeżiġu li jkopru lilhom infushom, ma jidhirlix li hija ta' natura li twassal għal konklużjoni differenti fir-rigward tal-assenza ta' diskriminazzjoni diretta. Fil-fatt, l-eżistenza ta' tali diskriminazzjoni għandha tiġi eżaminata skont evalwazzjoni oġġettiva, li tikkonsisti fil-verifika dwar jekk il-ħaddiema tal-impriża humiex ittrattati b'mod identiku, u mhux skont kunsiderazzjonijiet suġġettivi għal kull wieħed minnhom.

55. Inżid li jiena naqbel b'mod sħiħ mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza G4S Secure Solutions. Fil-fatt, fil-fehma tiegħi, diskriminazzjoni diretta, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, ma tistax tirriżulta meta r-reliġjonijiet jew it-twemmin kollu jkunu koperti bl-istess mod mir-regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi l-ilbies ta' simboli viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol.

56. Din il-ġurisprudenza ma tfissirx li diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin ma tistax tiġi kkonstatata fis-sitwazzjoni, bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn ħaddiema tiġi pprojbita milli tilbes velu Iżlamiku. Iżda għalhekk għandha tiġi eżaminata l-eżistenza jew le ta' diskriminazzjoni indiretta, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, eżami li ser isir iktar 'il quddiem bħala risposta għad-domandi preliminari l-oħra.

[13] Min-"Nota ta' informazzjoni dwar il-prinċipju ta' newtralità" stabbilita minn WABE, iċċitata fil-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet, jirriżulta li l-ilbies tas-salib Nisrani, tal-velu Iżlamiku jew tal-kippah Lhudija ma huwiex awtorizzat għall-persuni fir-relazzjonijiet mat-tfal.

[14] Ara s-sentenza G4S Secure Solutions, punt 31. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, WABE ġiegħlet impjegata tneħħi salib li hija kienet tilbes madwar għonqha.

[15] Sentenza tat-22 ta' Jannar 2019 (C-193/17, EU:C:2019:43).

[16] Ara b'mod partikolari, Howard, E., "Islamic headscarves and the CJEU: Achbita and Bougnaoui", *Maastricht Journal of European and Comparative Law*, 2017, Vol. 24(3), p. 348 sa 366, b'mod partikolari p. 351 sa 354; Cloots, E., "Safe harbour or open sea for corporate headscarf bans? Achbita and Bougnaoui", *Common Market Law Review*, Vol. 55, 2018, p. 589 sa 624. Ara, b'mod iktar ġenerali, Weiler, J. H. H., "Je suis Achbita: à propos d'un arrêt de la Cour de justice de l'Union européenne sur le hijab musulman (CJUE 14 mars 2017, aff. C-157/15)", *Revue trimestrielle de droit européen*, 2019, p. 85 sa 104.

57. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda magħmula fil-Kawża C-804/18 għandha tkun li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-projbizzjoni tal-ilbies ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, fil-konfront tal-ħaddiema li josservaw ċerti regoli fl-ilbies minħabba regoli ta' kondotta reliġjużi li jeżiġu li jkopru lilhom infushom.

## *B. Fuq il-punt (a) tat-tieni domanda fil-Kawża C-804/18*

58. Permezz tal-punt (a) tat-tieni domanda tagħha, fil-Kawża C-804/18, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, tista' tiġi ġġustifikata mill-volontà tal-persuna li timpjega li ssegwi politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża fuq il-post tax-xogħol, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqat tal-klijenti tagħha.

59. Preliminarjament, nirrileva li, fit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju semmiet id-diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess. Madankollu, minn naħa, tali diskriminazzjoni ma hijiex is-suġġett tad-Direttiva 2000/78[17], l-uniku att ġuridiku msemmi f'din id-domanda. Min-naħa l-oħra, jiena tal-fehma li d-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludix l-elementi fattwali suffiċjenti sabiex tiġi eżaminata l-eżistenza jew le ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess f'kawża bħal dik prinċipali. Konsegwentement, iktar 'il quddiem ser neżamina biss l-imsemmija domanda għal dak li jirrigwarda d-diskriminazzjoni indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78.

60. Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, jidhirli li huwa utli li jitfakkar li, fis-sentenza G4S Secure Solutions, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi l-ilbies viżibbli ta' kwalunkwe simbolu politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, jekk jiġi stabbilit li l-obbligu apparentement newtrali li hija tinkludi jwassal, fil-fatt, għal żvantaġġ partikolari għall-persuni affiljati ma' reliġjon jew twemmin speċifiku, sakemm din ma tkunx iġġustifikata oġġettivament minn għan leġittimu, bħal meta l-persuna li timpjega ssegwi, fir-relazzjonijiet tagħha mal-klijenti tagħha, politika ta' newtralità politika, filosofika u kif ukoll reliġjuża, u l-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan ikunu xierqa u neċessarji.

61. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-obbligu apparentement newtrali li d-direttivi tas-servizz jipprovdu, jwassalx fil-fatt, għal żvantaġġ partikolari għall-persuni affiljati ma' reliġjon jew twemmin speċifiku, f'dan il-każ ir-reliġjon Musulmana. Jekk dan huwa l-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li WABE ssegwi, fir-relazzjonijiet tagħha mal-klijenti tagħha, politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża, li tikkostitwixxi għan leġittimu, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, kif stabbilit fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet.

17 Tali diskriminazzjoni tirrigwarda d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

62. Fir-rigward tal-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan leġittimu, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-projbizzjoni tal-ilbies viżibbli ta' kwalunkwe simbolu jew ilbies li jista' jiġi assoċjat ma' twemmin reliġjuż jew ma' twemmin politiku jew filosofiku tirrigwarda biss il-ħaddiema ta' WABE li huma f'relazzjoni mal-klijenti[18]. Għalhekk, din il-projbizzjoni donnha għandha tiġi kkunsidrata, mingħajr ħsara għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, bħala mhux biss xierqa iżda wkoll strettament neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan imfittex[19].

63. Barra minn hekk, fir-rigward tar-rifjut ta' ħaddiema li tirrinunzja għall-ilbies tal-velu Iżlamiku fl-eżerċizzju tal-attivitajiet professjonali tagħha mal-klijenti, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni restrizzjonijiet inerenti fl-impriża, u mingħajr din ma jkollha ssostni piż addizzjonali, kienx possibbli li l-persuna li timpjega, quddiem tali rifjut, tipproponilha pożizzjoni ta' xogħol li ma timplikax kuntatt viżiv mal-klijenti tagħha. Hija l-qorti tar-rinviju, fid-dawl tal-elementi kollha tal-proċess, li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi preżenti u li għandha tillimita r-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet inkwistjoni għal dak li huwa strettament neċessarju[20].

64. Fid-dawl tal-mistoqsija tal-qorti tar-rinviju fil-kuntest tal-punt (a) tat-tieni domanda tagħha, għandu jiġi rrilevat li, fl-assenza ta' politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża tal-impriża, il-volontà ta' persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqat ta' klijent li ma jibqax jingħata s-servizzi ta' din il-persuna li timpjega minn ħaddiema li tilbes velu Iżlamiku ma tistax tiġi kkunsidrata bħala rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78[21]. Għalhekk, f'tali sitwazzjoni, l-imsemmija xewqat tal-klijenti ma jistgħux jikkostitwixxu ġustifikazzjoni tal-eżistenza ta' differenza fit-trattament, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-direttiva.

65. Mill-banda l-oħra, ladarba persuna li timpjega jkollha politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża, din jista' jkollha motivazzjonijiet differenti. Għalhekk, tali politika tista' toriġina mill-volontà tal-klijenti li l-impriża taġixxi f'dan is-sens. F'dan il-każ, kif jistabbilixxu d-direttivi tas-servizz, WABE għandha l-għan li "tiżgura l-iżvilupp liberu u personali tat-tfal għal dak li jirrigwarda r-reliġjon"[22] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-ġenituri ta' dawn it-tfal jista' jkollhom il-volontà li l-għalliema tagħhom ma jimmanifestawx ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom fuq il-post tax-xogħol. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 14(3) tal-Karta, id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom, skont it-twemmin reliġjuż, filosofiku u pedagoġiku tagħhom, għandu jiġu rrispettati, skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju tiegħu.

66. Lil hinn minn dan, ix-xewqa ta' persuna li timpjega li turi immaġni ta' newtralità fil-konfront tal-klijenti tagħha, hija relatata mal-libertà ta' intrapriża, irrikonoxxuta fl-Artikolu 16 tal-Karta[23], li jipprovdi li l-libertà ta' intrapriża hija rrikonoxxuta b'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-leġiżlazzjonijiet u l-prassi nazzjonali.

[18] F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li l-obbligi relattivi għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' newtralità ma humiex imposti, bl-eċċezzjoni għall-persunal edukattiv kwalifikat, għall-impjegati ta' WABE li jaħdmu fis-sede tal-impriża peress li dawn ma għandhomx kuntatti mal-klijenti.

[19] Ara f'dan is-sens, is-sentenza G4S Secure Solutions, punt 42.

[20] Ara f'dan is-sens, is-sentenza G4S Secure Solutions, punt 43.

[21] Sentenza Bougnaoui u ADDH, punt 41. Fil-punti 32 u 34 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet distinzjoni ċara skont jekk fl-impriża teżistix regola interna li tistabbilixxi politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża.

[22] Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[23] Ara s-sentenza G4S Secure Solutions, punt 38.

67. Il-protezzjoni mogħtija minn dan l-artikolu tinkludi l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali, il-libertà kuntrattwali u l-kompetizzjoni libera[24]. Fil-fehma tiegħi, din il-protezzjoni tkopri l-volontà li jiġu osservati x-xewqat tal-klijenti, b'mod partikolari għal raġunijiet kummerċjali. Għall-kuntrarju ta' dak li kien il-każ fil-kawża li tat lok għas-sentenza Bougnaoui u ADDH[25], il-projbizzjoni, b'mod partikolari, tal-velu Iżlamiku ma sseħħx b'reazzjoni għal talba f'dan is-sens ta' klijent, iżda taqa' taħt politika ta' newtralità ġenerali u mingħajr distinzjoni tal-impriża.

68. Għalhekk, nipproponi li r-risposta għall-punt (a) tat-tieni domanda fil-Kawża C-804/18 għandha tkun li l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, tista' tiġi ġġustifikata mill-volontà tal-persuna li timpjega li ssegwi politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża fuq il-post tax-xogħol, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni x-xewqat tal-klijenti tagħha.

## *C. Fuq l-ewwel domanda preliminari fil-Kawża C-341/19*

69. Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-341/19, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi biss, fil-kuntest ta' politika ta' newtralità, l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol tista' tiġi ġġustifikata, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

70. Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li fis-sentenza G4S Secure Solutions, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet bħala riferiment l-*ilbies viżibbli ta' kwalunkwe simbolu* ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol. Fil-fehma tiegħi, l-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tinftiehem fis-sens li tista' tiġi ġġustifikata biss, fid-dawl tal-applikazzjoni ta' politika ta' newtralità, il-projbizzjoni ta' kwalunkwe simbolu estern ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż. Fil-fatt, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja rriżultat mill-kuntest tal-kawża li tat lok għal din is-sentenza, li fiha r-regolament intern inkwistjoni kien jipprojbixxi s-simboli viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż jew it-twettiq ta' kull ritwal li jirriżulta minnu[26].

71. Il-kwistjoni dwar jekk il-projbizzjoni, minn regola interna ta' impriża privata, tal-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tistax tiġi ġġustifikata, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, għadha għalhekk ma ġietx deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja. Din il-kwistjoni twassal għal verifika dwar jekk l-ilbies *viżibbli*, fuq il-post tax-xogħol, ta' simboli ta' *daqs zgħir*[27] ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, huwiex xieraq[28].

[24] Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Adusbef u Federconsumatori (C-686/18, EU:C:2020:567, punt 82 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Ara s-sentenza Bougnaoui u ADDH, punt 14.

[26] Ara s-sentenza G4S Secure Solutions, punt 15.

[27] Nitlaq mill-idea li simbolu ta' daqs żgħir, li ma jintlibisx sabiex jintwera, ma huwiex ta' natura prominenti. Il-kelma "prominenti" hija ddefinita mid-dizzjunarju Larousse kif ġej: "[p]oża li wieħed iżomm sabiex jagħmel xi ħaġa, turija indiskreta ta' vantaġġ jew kwalità, attitudni ta' xi ħadd li jfittex li jiġi nnotat" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara https://www.larousse.fr/dictionnaires/francais/ostentation/56743.

[28] Fil-fehma tiegħi, huwa ċar li jekk il-persuna li timpjega trid issegwi, mal-klijenti tagħha, politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża, għan leġittimu fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, hija għandha dritt tipprojbixxi l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir fuq il-post tax-xogħol.

72. F'dan ir-rigward, minkejja li l-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78 u mhux tal-Artikolu 10 tal-Karta [29], jidhirli li huwa importanti li jsir riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB"). F'dan il-każ, il-Kawża C-341/19 tirrigwarda impriża privata, li topera katina ta' spiżeriji. Issa, teżisti sentenza tal-Qorti EDB li hija direttament rilevanti għall-kwistjoni tal-ilbies ta' lbies reliġjuż f'impriża privata, jiġifieri s-sentenza Eweida *et* vs Ir-Renju Unit [30].

73. Fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, Nadia Eweida, Nisranija Kopta prattikanta, kienet taħdem bħala aġent ta' check-in ta' British Airways Plc. Minkejja li hija xtaqet tilbes salib fuq il-post tax-xogħol sabiex turi l-fidi tagħha, il-persuna li timpjegaha rrifjutat li din tibqa' fil-pożizzjoni tagħha sakemm tibqa' tilbsu viżibbilment. Skont il-Qorti EDB, is-salib ta' N. Eweida kien *diskret u ma setax inaqqas id-dehra professjonali tagħha* [31]. Hija kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 9 tal-KEDB, relattiv għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, fil-konfront ta' N. Eweida.

74. Fid-dawl tal-imsemmija sentenza, nikkunsidra li politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża ta' persuna li timpjega, fir-relazzjonijiet tagħha mal-klijenti tagħha, ma hijiex inkompatibbli mal-ilbies, mill-impjegati tagħha, ta' simboli, viżibbli jew le, iżda ta' daqs żgħir, fi kliem ieħor diskreti, ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, li ma jiġux innotati mal-ewwel approċċ. Ċertament, anki simboli ta' daqs żgħir, bħal labra jew misluta, jistgħu jiġu nnotati minn osservatur attent u interessat fit-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż ta' ħaddiem. Madankollu, tali simboli diskreti, nieqsa min-natura prominenti, ma jistgħux, fil-fehma tiegħi, joffendu lill-klijenti tal-impriża li ma humiex tar-reliġjon jew tat-twemmin tal-impjegat(a) ikkonċernat(a).

75. Hawnhekk għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' proporzjonalità, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva 2000/78, li jipprovdi li l-mezzi għat-twettiq tal-għan leġittimu li tiġi segwita politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża għandhom ikunu xierqa u neċessarji. Issa, minkejja li l-projbizzjoni tal-ilbies, fuq il-post tax-xogħol, ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż hija ammissibbli, kif jirriżulta mis-sentenza G4S Secure Solutions, il-persuna li timpjega jidhirli li hija libera wkoll, fil-kuntest tal-libertà ta' intrapriża, li tipprojbixxi biss l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir ta' tali twemmin [32].

76. Ċertament, id-dibattitu jimxi mbagħad għall-kunċett ta' "simbolu ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż viżibbli u ta' 'daqs żgħir'". Fil-fehma tiegħi, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti definizzjoni speċifika ta' dan it-terminu, peress li l-kuntest li fih jintlibes is-simbolu jista' jkollu rwol. Għalhekk, il-qorti nazzjonali adita, għandha teżamina s-sitwazzjoni każ b'każ. Madankollu, jiena tal-fehma li, fi kwalunkwe każ, velu Iżlamiku ma jikkostitwixxix

[29] Skont l-ispjegazzjonijiet relattivi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17), id-dritt iggarantit fl-Artikolu 10(1) tal-Karta jikkorrispondi għad-dritt iggarantit fl-Artikolu 9 tal-KEDB, u skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, huwa għandu l-istess sens u l-istess portata tiegħu.

[30] Il-Qorti EDB, 15 ta' Jannar 2013 (CE:ECHR:2013:0115JUD004842010). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet referenza għal din is-sentenza fil-punt 39 tas-sentenza G4S Secure Solutions.

[31] Qorti EDB, 15 ta' Jannar 2013, Eweida *et* vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2013:0115JUD004842010, punt 94). Ara, dwar din is-sentenza, Mathieu, C., Gutwirth, S., u de Herth, P., "La croix et les juges de la Cour européenne des droits de l'homme: les enseignements des affaires Lautsi, Eweida et Chaplin", *Journal européen des droits de l'homme*, Larcier, 2013, Nru 2, p. 238 sa 268.

[32] Jidhirli li l-pożizzjoni tiegħi tikkoinċidi ma' dik tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża G4S Secure Solutions (C-157/15, EU:C:2016:382, punt 141), li għamlet riferiment għad-"daqs" u għan-"natura kospikwa" tas-simbolu reliġjuż fil-kuntest tal-ġustifikazzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq ir-reliġjon, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78.

simbolu reliġjuż ta' daqs żgħir[33]. Fl-istess sens, l-Avukata Ġenerali Kokott, fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża G4S Secure Solutions[34], ikkunsidrat li "simbolu reliġjuż żgħir u diskret – bħal pereżempju fil-forma ta' msielet, ġiżirana jew labra – probabbilment ikun iktar aċċettabbli minn xedd ir-ras apparenti bħal kappell, turban jew velu"[35].

77. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza G4S Secure Solutions, il-fatt li l-ħaddiema jiġu pprojbiti milli jilbsu b'mod viżibbli kwalunkwe simbolu ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol huwa xieraq sabiex jiżgura l-applikazzjoni korretta ta' politika ta' newtralità, sakemm din il-politika tkun ġenwinament segwita *b'mod koerenti u sistematiku*[36]. Issa, fil-fehma tiegħi, politika ta' newtralità li tipprojbixxi biss l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż ma teskludix li din il-projbizzjoni tkun segwita b'mod koerenti u sistematiku, jiġifieri li din tkun politika ġenerali u mingħajr distinzjoni, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

78. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, MJ kif ukoll il-Gvern Grieg u dak Svediż jenfasizzaw li regola interna ta' impriża li tipprojbixxi biss is-simboli prominenti ta' daqs kbir jkollha effett sfavorevoli fuq ċerti gruppi li jilbsu simboli reliġjużi partikolarment viżibbli. L-impjegati li jappartjenu għal dawn il-gruppi jirriskjaw barra minn hekk li jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol tagħhom minħabba r-reliġjon jew t-twemmin tagħhom.

79. F'dan ir-rigward, nirrikonoxxi li s-simboli reliġjużi jista' jkollhom natura iktar jew inqas viżibbli skont ir-reliġjon. Madankollu, jekk jiġi segwit dan l-argument iwassal sabiex jiġi neċessarjament ipprojbit, fid-dawl tal-applikazzjoni ta' politika ta' newtralità, l-ilbies ta' kwalunkwe simbolu ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, li jidher paradossali fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2000/78, intiża sabiex tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-projbizzjoni ta' tali simboli għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju[37]. Fil-każ invers, il-projbizzjoni totali, mingħajr eċċezzjoni, tal-ilbies viżibbli ta' kwalunkwe simbolu ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tmur lil hinn mill-miżura neċessarja u twassal, fir-rigward ta' dawk li jkunu għażlu li jilbsu simbolu ta' daqs żgħir, għal natura punittiva, għas-sempliċi raġuni li persuni oħrajn għażlu li jilbsu sinjali prominenti.

80. Fi kliem ieħor, jidhirli li jeżisti post bejn, minn naħa, il-libertà totali mogħtija lill-ħaddiema li jilbsu simboli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, li persuna li timpjega tista' tagħżel li tapplika, fil-kuntest tal-libertà ta' intrapriża tagħha skont l-Artikolu 16

[33] Is-sentenza tal-Qorti EDB tal-15 ta' Jannar 2013, Eweida *et* vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2013:0115JUD004842010), hija differenti mid-deċiżjoni ta' din il-qorti tal-15 ta' Frar 2001, Dahlab vs L-Isvizzera (CE:ECHR:2001:0215DEC004239398), li fiha din iddeċidiet "li huwa diffiċli li jiġi evalwat l-impatt li *simbolu estern qawwi* bħall-ilbies tal-velu jista' jkollu fuq il-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon ta' tfal żgħar. Fil-fatt, ir-rikorrenti kienet tgħallem fi klassi ta' tfal ta' bejn [4] u [8] snin u għalhekk ta' studenti li kienu f'età li jagħmlu ħafna mistoqsijiet filwaqt li jkunu jistgħu jiġu influwenzati iktar faċilment minn studenti oħra ta' età ikbar. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, wieħed kif jista' jiċħad mill-ewwel kull effett proselitiku li jista' jkollu l-ilbies tal-velu ladarba dan donnu huwa impost fuq in-nisa minn preskrizzjoni tal-Koran li, kif ikkonstatat il-Qorti Federali [Svizzera], huwa diffiċilment konċiljabbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn is-sessi. Għalhekk, tidher diffiċli konċiljazzjoni bejn l-ilbies tal-velu Iżlamiku mal-messaġġ ta' tolleranza, tar-rispett lejn l-oħrajn u fuq kollox tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni li f'demokrazija kull għalliem għandu jittrażmetti lill-istudenti tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. (Korsiv miżjud minni). Minbarra l-fatt li s-sentenza Eweida *et* vs Ir-Renju Unit kienet tirrigwarda impriża privata u d-deċiżjoni Dahlab vs L-Isvizzera skola pubblika u li l-ġurisprudenza tal-Qorti EDB tista' tkun żviluppat, l-enfasi fuq il-fatt li velu Iżlamiku huwa "simbolu estern qawwi" tista' tispjega għaliex dik il-qorti tirrikonoxxi bħala konformi mal-KEDB il-projbizzjoni tal-velu Iżlamiku, meta mqabbel ma' simbolu reliġjuż "diskret".

[34] C-157/15, EU:C:2016:382, punt 118.

[35] Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Qorti EDB tal-15 ta' Frar 2001, Dahlab vs L-Isvizzera (CE:ECHR:2001:0215DEC004239398), il-kappell, it-turban jew il-velu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala "simboli esterni qawwija".

[36] Sentenza G4S Secure Solutions, punt 40.

[37] Sentenza G4S Secure Solutions, punt 42.

tal-Karta[38], u min-naħa l-oħra, il-projbizzjoni ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' natura politika, filosofika jew reliġjuża, fid-dawl tal-applikazzjoni ta' politika ta' newtralità, li l-persuna li timpjega tista' wkoll tiddeċiedi li timplimenta[39]. Il-politika ta' newtralità tista' għalhekk tkun immanifestata b'diversi forom, bil-kundizzjoni li din tkun segwita b'mod koerenti u sistematiku.

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-341/19 għandha tkun li l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi biss, fil-kuntest ta' politika ta' newtralità, l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, tista' tiġi ġġustifikata, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Tali projbizzjoni għandha tiġi segwita b'mod koerenti u sistematiku, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti ta-rinviju.

### *D. Fuq il-punt (b) tat-tieni domanda fil-Kawża C-804/18 u l-punt (b) tat-tieni domanda fil-Kawża C-341/19*

82. Permezz tal-punt (b) tat-tieni domanda fil-Kawża C-804/18 u tal-punt (b) tat-tieni domanda fil-Kawża C-341/19, li għandhom jiġu eżaminati flimkien[40], il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala dispożizzjonijiet iktar favorevoli fis-sens tal-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, fil-kuntest tal-eżami tan-natura ġġustifikata ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin.

83. Skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/78, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament minn dawk previsti minn din id-direttiva. Barra minn hekk, il-premessa 28 tal-imsemmija direttiva tiddikjara li din tistabbilixxi rekwiżiti minimi, u għalhekk tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli, u li l-implimentazzjoni tal-istess direttiva ma tistax tiġġustifika xi rigressjoni għar-rigward tas-sitwazzjoni li diġà teżisti f'kull Stat Membru.

84. Fid-dawl tad-domandi magħmula, għandu jiġi eżaminat sa fejn dispożizzjonijiet nazzjonali relattivi għal-libertà tar-reliġjon jistgħu jiġu kkunsidrati bħala iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament minn dawk previsti mid-Direttiva 2000/78.

[38] Għandu jitfakkar li persuna li timpjega mkien ma hija marbuta li ssegwi politika ta' newtralità vis-à-vis il-klijenti tagħha. Fil-fatt, hija tista' tagħżel li turi appartenenza għal denominazzjoni, li tista' tiġi mmanifestata permezz tas-simboli reliġjużi tar-reliġjon ikkonċernata, milbusa mill-impjegati. Il-persuna li timpjega tista' wkoll ma tqiegħed ebda limitu għall-ilbies ta' simboli reliġjużi fuq il-post tax-xogħol, tkun xi tkun ir-reliġjon u d-daqs ta' dawn is-simboli.

[39] Il-qorti tar-rinviju tindika li l-politika ta' newtralità fi ħdan l-impriża kkonċernata għandha l-għan ukoll li tipprevjeni l-kunflitti bejn l-impjegati. F'dan ir-rigward, dan l-għan huwa differenti minn dak ta' politika ta' newtralità vis-à-vis il-klijenti, li huwa relatat mal-libertà ta' intrapriża, kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza G4S Secure Solutions (punt 38). Fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali fil-Kawża C-431/19, ma jidhirlix li huwa neċessarju, fil-kuntest ta' dawn il-kawżi magħquda, li jiġi eżaminat jekk l-għan li jiġu evitati l-kunflitti bejn l-impjegati huwiex leġittimu, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78.

[40] Fil-fatt, il-punt (b) tat-tieni domanda fil-Kawża C-804/18 jagħmel riferiment għall-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali) li tinterpreta l-Artikolu 4(1) u (2) tal-GG.

85. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat l-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, sa issa fil-kuntest tar-rispett tad-drittijiet proċedurali biss. Abbażi ta' din id-dispożizzjoni, hija ddeċidiet li l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2000/78[41] bl-ebda mod ma jipprekludi li Stat Membru jipprevedi, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, id-dritt għall-assoċjazzjonijiet, li jkollhom interess leġittimu li jiżguraw l-osservanza ta' din id-direttiva, li jressqu proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-obbligi riżultanti minnha mingħajr ma jaġixxu f'isem lanjant partikolari jew fl-assenza ta' lanjant identifikabbli[42].

86. Effettivament, jidhirli li tali interpretazzjoni hija ġġustifikata. Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2000/78 jipprovdi preċiżament il-kuntest tal-intervent ta' dawn l-assoċjazzjonijiet sabiex iressqu proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva, filwaqt li jimponi kundizzjonijiet, jiġifieri li dawn l-assoċjazzjonijiet jaġixxu għan-nom jew insostenn tal-lanjant, bl-approvazzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, sabiex jiżgura d-difiża tad-drittijiet, l-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva jippermetti intervent iktar wiesa' tal-imsemmija assoċjazzjonijiet quddiem il-qrati nazzjonali, mingħajr il-ħtieġa ta' lanjant, li huwa iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament.

87. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet nazzjonali relattivi għal-libertà tar-reliġjon, jiena tal-fehma, mill-banda l-oħra, li dawn ma jidħlux fil-kuntest tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/78. Fil-fatt, minkejja li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali huma intiżi sabiex jipproteġu l-ħaddiema għal dak li jirrigwarda l-espressjoni tar-reliġjon tagħhom, dawn ma għandhomx l-għan li jsaħħu l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament, kif previst fl-imsemmi Artikolu 8(1), sa fejn dawn ma humiex intiżi sabiex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni.

88. Kif ser nargumenta iktar 'il quddiem, l-imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jiġu applikati mill-Istati Membri, iżda f'kuntest ieħor u mhux dak tad-Direttiva 2000/78, li l-uniku għan tagħha huwa li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata, b'mod partikolari, fuq ir-reliġjon jew it-twemmin.

89. Għalhekk, nipproponi li r-risposta għall-punt (b) tat-tieni domanda fil-Kawża C-804/18 u għall-punt (b) tat-tieni domanda fil-Kawża C-341/19 għandha tkun li l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala dispożizzjonijiet iktar favorevoli, fis-sens tal-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, fil-kuntest tal-eżami tan-natura ġġustifikata ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin.

## *E. Fuq il-punt (a) tat-tieni domanda fil-Kawża C-341/19*

90. Permezz tal-punt (a) tat-tieni domanda fil-Kawża C-341/19, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet previsti fl-Artikolu 10 tal-Karta u fl-Artikolu 9 tal-KEDB jistgħu jittieħdu

[41] Skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2000/78, "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħrajn li, skond il-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma rispettati, jistgħu jibdew, jew għan-nom jew bħala sostenn ta' min għamel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, xi proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva prevista għall-esekuzzjoni ta' obbligi li joħorġu minn din id-Direttiva". Mill-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li hija ma timponix li assoċjazzjoni tingħata *locus standi*, fl-Istati Membri, sabiex tibda proċedura ġudizzjarja għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-obbligi riżultanti minn din id-direttiva, meta ebda persuna leża ma tkun identifikabbli (sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punt 61).

[42] Sentenzi tal-25 ta' April 2013, Asociația Accept (C-81/12, EU:C:2013:275, punt 37) u tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI (C-507/18, EU:C:2020:289, punt 63).

inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tan-natura xierqa u neċessarja ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin u li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata.

91. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-punt jekk, fid-dawl tal-eżami tan-natura xierqa ta' tali differenza fit-trattament, jistax jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi kunfliġġenti, jiġifieri, minn naħa, il-libertà ta' intrapriża prevista fl-Artikolu 16 tal-Karta, u min-naħa l-oħra, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon prevista fl-Artikolu 10 tal-Karta kif ukoll fl-Artikolu 9 tal-KEDB.

92. Sabiex nirrispondi għal din id-domanda, jidhirli li huwa importanti li mmur lura għall-formulazzjoni tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, li, fil-kuntest tal-ġustifikazzjoni ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, tiddistingwi bejn, minn naħa, l-eżistenza jew le ta' għan leġittimu, u min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar jekk il-mezzi għat-twettiq ta' dan l-għan humiex xierqa u neċessarji.

93. Fil-punti 38 u 39 tas-sentenza G4S Secure Solutions, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li x-xewqa ta' persuna li timpjega li turi immaġni ta' newtralità fil-konfront tal-klijenti hija relatata mal-libertà ta' intrapriża, irrikonoxxuta fl-Artikolu 16 tal-Karta, u hija, fil-prinċipju, ta' natura leġittima u li l-interpretazzjoni fis-sens li t-twettiq ta' tali għan jippermetti, f'ċerti limiti, li tiġi ristretta l-libertà tar-reliġjon hija kkorroborata mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB rigward l-Artikolu 9 tal-KEDB.

94. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għall-Artikolu 16 tal-Karta u għall-Artikolu 9 tal-KEDB biss fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' għan leġittimu, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva 2000/78, fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' politika ta' newtralità tal-impriża fil-konfront tal-klijenti tagħha.

95. Billi nsegwi dan ir-raġunament, jidhirli li, fid-dawl tal-eżami tan-natura xierqa u neċessarja tal-mezzi implimentati għat-twettiq ta' dan l-għan, peress li f'dan l-istadju tal-analiżi l-libertà ta' intrapriża ma għadhiex inkwistjoni, ma hemmx lok li jintlaħaq bilanċ bejn, minn naħa, il-libertà ta' intrapriża, u min-naħa l-oħra, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon. Madankollu, wieħed għandu jieħu inkunsiderazzjoni d-dritt għal din l-aħħar libertà fil-kuntest tal-eżami tal-mezzi għat-twettiq tal-għan ta' politika ta' newtralità? Jiena ma naħsibx.

96. Fil-fatt, fl-ewwel lok, kif ġustament irrilevat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin għandha mingħajr dubju rabta mal-protezzjoni tad-dritt għal-libertà tar-reliġjon, ladarba tali diskriminazzjoni taffettwa l-libertà ta' persuna li tipprattika r-reliġjon tagħha b'mod liberu u miftuħ. Madankollu, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, prevista fl-Artikolu 21(1) tal-Karta, u l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, prevista fl-Artikolu 10 tagħha, jikkostitwixxu drittijiet fundamentali li għandhom ikunu distinti b'mod ċar [43].

97. Issa, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2000/78 tikkonkretizza l-Artikolu 21 tal-Karta, li fid-dawl tal-effett mandatorju tiegħu, ma jiddistingwixxix ruħu, fil-prinċipju, mid-diversi dispożizzjonijiet tat-Trattati fundaturi li jipprojbixxu diskriminazzjoni bbażata fuq diversi raġunijiet, anki meta tali

43 Il-Kummissjoni tagħti l-eżempju, billi titlaq minn raġunament *ad absurdum*, ta' projbizzjoni totali minn Stat Membru tal-eżerċizzju tar-reliġjon, li konsegwentement tikser il-libertà tar-reliġjon, mingħajr madankollu ma tmur kontra l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon, peress li r-residenti kollha ta' dan l-Istat Membru jkunu ttrattati b'mod ugwali.

diskriminazzjonijiet jirriżultaw minn kuntratti konklużi bejn individwi[44]. Għalhekk, din id-direttiva għandha biss l-għan li tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata, b'mod partikolari, fuq ir-reliġjon jew it-twemmin. Hija ma hijiex intiża sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon, fiha nnifisha, prevista fl-Artikolu 10 tal-Karta.

98. Fit-tieni lok, fil-kuntest tal-ġustifikazzjoni ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva 2000/78, jiena tal-fehma li d-dritt fundamentali tal-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon ma jidħolx, sa fejn din id-dispożizzjoni tagħmel riferiment għal *mezzi* xierqa u neċessarji. Din tirrigwarda kontroll tal-proporzjonalità, li jippreżumi eżami tas-sitwazzjoni b'mod konkret, sabiex jiġi vverifikat jekk l-għan leġittimu rrikonoxxut, jiġifieri politika ta' newtralità, huwiex implimentat b'mod xieraq.

99. Fit-tielet lok, jiena tal-fehma li l-fatt li jiġu applikati b'mod parallel, fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78, id-drittijiet kollha stabbiliti mill-Karta jista' jwassal għall-impossibbiltà tal-implimentazzjoni b'mod sħiħ u b'mod uniformi tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, filwaqt li jiġu osservati l-għanijiet tagħha, li jirrigwarda biss il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol.

100. Għalhekk, nipproponi li r-risposta għall-punt (a) tat-tieni domanda fil-Kawża C-341/19 għandha tkun li l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jkun interpretat fis-sens li d-drittijiet previsti fl-Artikolu 10 tal-Karta u fl-Artikolu 9 tal-KEDB ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tan-natura xierqa u neċessarja ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin u li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata.

### *F. Fuq it-tielet domanda fil-Kawża C-341/19*

101. Permezz tat-tielet domanda tagħha fil-Kawża C-341/19, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2000/78 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi li qorti nazzjonali tapplika dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon waqt l-eżami ta' direttiva bbażata fuq regola interna ta' impriża privata relattiva għall-projbizzjoni tal-ilbies ta' simboli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol.

102. Preliminarjament, nirrileva li permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78 u mhux tal-Artikolu 10 tal-Karta. Għalhekk, ser neżamina t-tielet domanda fil-Kawża C-341/19, li hija estensjoni tal-ewwel u tat-tieni domanda, fir-rigward ta' din id-direttiva, fil-kuntest tal-eżami ta' diskriminazzjoni indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin.

103. Kif ġie stipulat fil-punt 97 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-Direttiva 2000/78 ma hijiex intiża sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon prevista fl-Artikolu 10 tal-Karta. Għalhekk, din il-libertà ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tan-natura xierqa u neċessarja tal-mezzi implimentati għat-twettiq tal-għan ta' newtralità tal-impriża. L-istess interpretazzjoni tapplika għal dak li jirrigwarda l-libertà ta' intrapriża stabbilita fl-Artikolu 16 tal-Karta, li ma hijiex dritt fundamentali segwit minn din id-direttiva.

[44] Ara s-sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger (C-414/16, EU:C:2018:257, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

104. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sakemm ma jippreġudikawx il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif previst mid-Direttiva 2000/78, li jikkonkretizza l-Artikolu 21 tal-Karta, jiena nikkunsidra li l-Istati Membri jibqgħu liberi li japplikaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali relattiva għas-sitwazzjoni legali kkonċernata.

105. Din tista' tkun, pereżempju, kif enfasizzat il-Kummissjoni, dispożizzjoni nazzjonali relattiva għall-forma li fiha d-direttiva li tistabbilixxi l-politika ta' newtralità għandha tiġi kkomunikata lill-ħaddiema tal-impriża. L-applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni tista' twassal għan-nullità ta' din id-direttiva anki jekk, fil-mertu, il-politika ta' newtralità inkwistjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2000/78. Minkejja li dan l-eżempju huwa ta' natura proċedurali, dan ir-raġunament japplika wkoll għal dak li jirrigwarda s-sustanza stess tad-dritt tal-ugwaljanza fit-trattament. Għalhekk, teżisti koeżistenza bejn, minn naħa, dispożizzjonijiet tal-Unjoni relattivi għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprovdu ċerti rekwiżiti relattivi għall-politika ta' newtralità tal-persuna li timpjega.

106. L-istess raġunament huwa validu għal dispożizzjonijiet nazzjonali relattivi għall-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qrati tal-Istat Membru kkonċernat għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-validità ta' direttiva ta' persuna li timpjega relattiva għall-applikazzjoni ta' politika ta' newtralità.

107. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju targumenta li, skont il-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali), il-protezzjoni ta' dritt fundamentali bħal dak previst mill-Artikolu 4(1) u (2) tal-GG, tapplika għar-relazzjonijiet ġuridiċi bejn persuni privati. Il-libertà ta' twemmin prevista f'dawn id-dispożizzjonijiet, bħala libertà ċivili, ma titħassarx fir-rigward tal-libertà ta' intrapriża, imsemmija fl-Artikolu 12(1) tal-GG, ħlief fil-preżenza ta' theddida suffiċjentement konkreta ta' żvantaġġ ekonomiku għall-persuna li timpjega jew terz ikkonċernat. Fi kliem ieħor, kif esprimiet ukoll il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-804/18 fid-deċiżjoni tagħha u fil-punt (b) tat-tieni domanda tagħha, mid-dispożizzjonijiet kostituzzjonali Ġermaniżi jirriżulta li x-xewqa ta' persuna li timpjega li ssegwi politika ta' newtralità reliġjuża fil-konfront tal-klijenti tagħha, fil-prinċipju, għandha natura leġittima biss jekk l-assenza ta' din in-newtralità twassal għal dannu ekonomiku għaliha.

108. Kif diġà ġie indikat, dispożizzjonijiet bħall-Artikolu 4(1) u (2) tal-GG, li jaqgħu taħt il-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon, għandhom għan differenti minn dak tad-Direttiva 2000/78. Konsegwentement, bil-kundizzjoni li jiġi osservat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst minn din id-direttiva, jiena ma narax ostakolu sabiex dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon ikunu applikati waqt l-eżami tal-politika ta' newtralità ta' impriża[45].

109. Tali possibbiltà mħollija lill-Istati Membri għal dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon tikkoinċidi mal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, li tipprovdi li ma huwiex possibbli li tiġi identifikata fl-Ewropa kollha perċezzjoni uniformi tas-sinjifikat tar-reliġjon fis-soċjetà u li s-sens jew l-impatt tal-atti li jikkorrispondu għall-espressjoni pubblika ta' twemmin reliġjuż ma humiex l-istess skont iż-żminijiet u l-kuntesti. Il-leġiżlazzjoni fil-qasam tista' għalhekk tvarja

[45] Konsegwentement, jidhirli li peress li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali għandhom għan differenti, ma hemmx lok li jiġi applikat ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60), li jipprovdi li, meta att tad-dritt tal-Unjoni jirrikjedi miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jibqgħu japplikaw standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, sakemm din l-applikazzjoni ma tikkompromettix il-livell ta' protezzjoni previst mill-Karta, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

minn pajjiż għall-ieħor u l-għażla dwar l-estensjoni u l-modalitajiet ta' tali leġiżlazzjoni għandha, neċessarjament, sa ċertu punt titħalla lill-Istat ikkonċernat, peress li din tiddependi mill-kuntest nazzjonali kkunsidrat[46].

110. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni d-diversità tal-approċċi fl-Istati Membri għal dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon[47], li ma huwiex ikkontestat mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst mid-Direttiva 2000/78.

111. F'dan il-każ, mal-ewwel daqqa t'għajn jidhirli li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kkonċernati ma jaqgħux f'kunflitt ma' din id-direttiva. Fil-fatt, dawn ma jipprojbixxux politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża min-naħa ta' persuna li timpjega, iżda jistabbilixxu biss rekwiżit addizzjonali relattiv għall-implimentazzjoni tagħha, relattiv għall-eżistenza ta' theddida suffiċjentement konkreta ta' żvantaġġ ekonomiku għall-persuna li timpjega jew għal terz ikkonċernat. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali invokata tiksirx il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif previst mill-imsemmija direttiva.

112. Konsegwentement, nipproponi li r-risposta għat-tielet domanda fil-Kawża C-341/19 għandha tkun li d-Direttiva 2000/78 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tipprekludix li qorti nazzjonali tapplika dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon waqt l-eżami ta' direttiva bbażata fuq regola interna ta' impriża privata relattiva għall-projbizzjoni tal-ilbies ta' simboli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, bil-kundizzjoni li dawn id-dispożizzjonijiet ma jiksrux il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst minn din id-direttiva, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

## V. Konklużjoni

113. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Arbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali ta' Hamburg, il-Ġermanja) u l-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja):

1) L-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-projbizzjoni tal-ilbies ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, fil-konfront tal-ħaddiema li josservaw ċerti regoli fl-ilbies minħabba regoli ta' kondotta reliġjużi li jeżiġu li jkopru lilhom infushom.

2) L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, tista' tiġi ġġustifikata mill-volontà tal-persuna li timpjega li ssegwi politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża fuq il-post tax-xogħol, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni x-xewqat tal-klijenti tagħha.

46 Il-Qorti EDB, 10 ta' Novembru 2005, Leyla Şahin vs It-Turkija (CE:ECHR:2005:1110JUD004477498, punt 109), u l-Qorti EDB, 10 ta' Jannar 2017, Osmanoğlu u Kocabaş vs L-Isvizzera (CE:ECHR:2017:0110JUD002908612, punt 88).

47 Ara f'dan is-sens, Loenen, M. L. P., "In search of an EU approach to headscarf bans: where to go after Achbita and Bougnaoui?", *Review of European Administrative Law*, 2017, Nru 2, p. 47 sa 73.

3) L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi biss, fil-kuntest ta' politika ta' newtralità, l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol tista' tiġi ġġustifikata, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Tali projbizzjoni għandha tiġi segwita b'mod koerenti u sistematiku, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

4) L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala dispożizzjonijiet iktar favorevoli, fis-sens tal-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, fil-kuntest tal-eżami tan-natura ġġustifikata ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin.

5) L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet previsti fl-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tan-natura xierqa u neċessarja ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin u li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata.

6) Id-Direttiva 2000/78 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tipprekludix li qorti nazzjonali tapplika dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon waqt l-eżami ta' direttiva bbażata fuq regola interna ta' impriża privata relattiva għall-projbizzjoni tal-ilbies ta' simboli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, bil-kundizzjoni li dawn id-dispożizzjonijiet ma jiksrux il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst minn din id-direttiva, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.